MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 81/2000/1

Carmel Attard .

Vs

Kunsill Lokali Gharb .

Il-Qorti ,

PRELIMINARI

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta :

Illi fl-għoxrin (20) ta' Jannar tas-sena elfejn (2000) l-attur Carmel Attard safa gravament ferut waqt li kien dieħel fir-residenza tiegħu f'52, Pjazza taż-Zjara tal-Madonna, Għarb, Għawdex meta injama li kienet qed isservi bħala pont fuq gandott inqasmet bih ;

Illi x-xogħol fuq l-imsemmi gandott kien qed isir mill-Kunsill konvenut jew minn ħaddiema inkarigati mill-istess Kunsill ;

Illi l-injama li tpoġġiet fuq l-istess gandott mill-Kunsill konvenut jew minn ħaddiema inkarigati mill-istess Kunsill ma kinetx tiflaħ il-piż ta' persuna ;

Illi per konsegwenza ta' l-imsemmi inċident l-attur kiser siequ minn diversi bnadi, liema ġrieħi huma ta' natura permanenti ;

Illi kawża tal-ġrieħi li ġarrab fl-imsemmi inċident, l-attur ma baqax aktar indipendenti u kellu saħansitra iqabbad persuna sabiex tgħinu fid-dar u twassal lilu u lill-martu minn post għall-ieħor, inkluż l-Isptar ;

Illi dan kollu qiegħed jikkaġuna danni emerġenti u lukri ċessanti lill-attur ;

Illi għalkemm il-Kunsill konvenut ġie interpellat sabiex jersaq għal likwidazzjoni u ħlas tad-danni kollha sofferti mill-attur, huwa baqa' inadempjenti ;

Illi l-attur irid illi jiġi kumpensat ta' dawn id-danni .

Talab lill-Kunsill konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara lilek konvenut unikament responsabbli għall-inċident li sofra l-attur fl-għoxrin (20) ta' Jannar tas-sena elfejn (2000) ;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur billi tiddikjara illi jikkonsistu f'dawk id-danni emerġenti u lukri ċessanti illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża ;

3. Tikkundanna lill-konvenut tħallas id-danni kif likwidat .

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Frar tas-sena elfejn (2000) u ta' l-ittra uffiċjali tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Marzu tas-sena elfejn

(2000) mibgħuta lilek u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa qed tiġi inġunt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur debitament maħlufa minnu .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-Kunsill konvenut li eċċepixxa illi :

1. Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju din il-kawża ma tistax timxi mingħajr l-intervent ta' mart l-attur, stante illi kemm-il darba jiġu milqugħa t-talbiet attriċi kwalunkwe kumpens ikun pagabbli lil kommunjoni ta' l-akkwisti .

2. Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju l-konvenut Kunsill Lokali Għarb Għawdex, jekk teżisti xi responsabilita' għal l-inċident de quo din ma għandhiex tinkombi fuq l-eċċipjent iżda fuq terzi kif jiġi dettaljatament pruvat waqt il-kors tas-smigh tal-kawża .

3. Illi mingħajr preġudizzju għal premess l-inċident de quo ġara unikament tort u ħtija ta' l-istess attur meta kien hu li qagħad jiskarigga 'l hawn u 'l hemm jivvessa u jdejjaq il-ħaddiema li kienu fuq xogħolhom .

4. Illi fil-fatt kien l-attur li bi traskuraġni u b'nuqqas ta' eżerċizzju ta' diliġenza anzi b'negliġenza kbira waqa' fil-gandott .

5. Illi l-pont ossia njama msemmi li minn fuqu waqa' l-attur ma kienx intiż għal l-użu tiegħu, iżda għal l-użu ta' terzi . L-attur kellu bnadi oħra mnejn seta' jgħaddi .

6. Illi barra minn hekk kien l-attur li ħa r-riskju li jgħaddi minn fuq dak il-pont ossia njama . Ir-riskju kien tiegħu u għandu jirrispondi għalieh hu .

7. Illi mingħajr preġudizzju għal premess l-attur la ġarrab danni emerġent u wisq anqas lukri ċessanti dan kif jiġi dettaljatament pruvat waqt il-kors tas-smiegħ

tal-kawża . Il-ġrieħi ta' l-attur ma humiex ta' natura permanenti .

8. Illi debilitajiet li kienu eżistenti fil-persuna ta' l-attur minn dejjem ma jistgħux jiġu b'xi mod attribwiti per kawża ta' l-inċident de quo .
Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut maħlufa mis-Sindku David Apap .

Rat id-digriet tagħha ta' l-20 ta' Marzu 2004 fejn innominat lill-kirurgu Mr. Charles Grixti bħala espert mediku f'din il-kawża .

Rat ir-rapport ta' l-istess espert mediku, ppreżentat fis-6 ta' Awissu 2004 u maħluf fil-11 ta' Frar 2005 .

Rat il-verbal tagħha tat-22 ta' Marzu 2005 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza .

Rat in-noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti u affidavits esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi din hija kawża għad-danni magħmula mill-attur in segwitu għal inċident li fih weġġa', wara li waqa ġo gandott fejn kienu qed isiru xi xogħlijiet minn terzi . L-azzjoni esperita hi għalhekk dik bażata fuq il-Lex Aquilia,[1] li bażi tagħha jista' jkun id-delitt, f'każ ta' *dolo,* jew il-kważi delitt, f'każ ta' c*olpa*, kif jippretendi li hu l-każ preżenti l-attur[2] . Il-**Giorgi** jgħallem f'dan ir-rigward :

"*E' detta colpa in senso generale della nostra scienza qualunque violazione di un obbligo giuridico; anche la violazione dolosa . In senso piu' ristretto la parola colpa*

[1] 44 Dig. Del leg. aquil. IX, 2 .
[2] art.1033 Kap.16 .

*esclude il dolo, e significa volontaria omissione di diligenza, per cui non prevediamo le conseguenze illecite di una commissione od ommissione, e violiamo senza avvedercene un nostro dovere giuridico . Pero', si dice, che l'inadempimento dell'obbligazione dipende da colpa, quando sebbene la causa dell' inadempimento sia stata l'opera del debitore medesimo, costui non ne abbia avuta la coscienza, e solo abbia mancato di quella diligenza, che egli era tenuto di usare*."[3]

ECCEZZJONI PRELIMINARI

In linea preliminari l-Kunsill konvenut eċċepixxa illi din il-kawża ma tistax timxi mingħajr l-intervent ta' mart l-attur, stante illi kemm-il darba jiġu milqugħa t-talbiet attriċi, kwalunkwe kumpens ikun pagabbli lill-komunjoni ta' l-akkwisti. Azzjoni għall-danni personali bħal ma għandna fil-każ in eżami ma taqax taħt l-atti ta' amministrazzjoni straordinarja elenkati fl-artikolu 1322 (2) tal-Kap. 16, u allura, bħala att ta' amministrazzjoni ordinarja, jispetta lil kwalunkwe parti mill-miżżewġin li jħarrek għall-ħlas tal-kumpens għal dawn id-danni[4] . Għalhekk il-konvenut m'għandux raġun f'dan ir-rigward, u din l-eċċezzjoni qed tiġi minnufih respinta .

FATTI

Mhux kontestat illi l-attur waqa' meta nqasmet pjanċa ta' l-injam li kienet tpoġġiet fuq gandott qrib id-dar tiegħu u kiser siequ sew, tant illi kellhom isirulu l-*pins* u anke sofra debilita' permanenti[5] . Dan il-gandott kien sar bħala parti minn proġett ta' tindif u tiswija ta' kanal ta' l-ilma, qabel ma l-Kunsill jibda' jwettaq proġett ta' *embelishment* tal-Pjazza ewlenija ta' l-Għarb.

RESPONSABILITA'

---

[3] Teoria delle Obbligazioni nel Diritto Moderno Italinao ed. 1903 vol.II. # 18 p. 32 - 33 .

[4] art. 1322(1) tal-kap.16 .

[5] ara rapport peritali a fol.193 - 195 tal-process .

L-attur jikkontendi illi jaħti għal dan l-inċident il-Kunsill konvenut għax ix-xogħlijiet li kienu qed isiru f'din il-Pjazza meta seħħ l-inċident, kienu qed isiru fuq inkarigu tiegħu . Il-Kunsill da parti tiegħu jiċħad għal kollox kwalunkwe konnessjoni ma' dawn ix-xogħlijiet u jostni illi dan kien proġett tal-Ministeru għal Għawdex li huwa ma kellu xejn x'jaqsam miegħu . Infatti din hija s-sustanza tat-tieni eċċezzjoni tieghu .

L-attur ftit li xejn ressaq provi sabiex jissostanzja l-allegazzjoni tiegħu illi dawn ix-xogħlijiet kienu tassew qed isiru mill-Kunsill . Jgħid biss illi s-sindku ta' l-Għarb kien ikun ta' spiss fuq il-lant tax-xogħol jara x'kien qed isir . Allega wkoll illi din il-pjanċa kien ġabha l-istess sindku fuq il-post . Dan pero' ġie kategorikament miċħud mis-sindku, u anke l-istess ħaddiema kkonfermaw illi kienu għamluha huma . Sussegwentement l-attur ukoll aċċetta illi l-pjanċa kienu ġabuha dawn il-ħaddiema u mhux is-sindku . Irriżulta wkoll bħala fatt innegabbli illi l-ħaddiema li kien hemm, kienu jifformaw parti mis-sezzjoni tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi fil-Ministeru ta' Għawdex magħrufa bħala s-"CMU" . L-ordnijiet kienu jeħduhom mis-*supervisor* tagħhom Victor Sciberras, li kien ġie mitlub imur iwettaq dan il-proġett minn Victor Scicluna, responsabbli mis-sezzjoni li għandha x'taqsam mal-Kunsilli . Is-Sindku ta' l-Għarb u s-Segretarja Eżekuttiva tal-Kunsill, sew fl-affidavits tagħhom, kif ukoll in kontro-eżami sostnew illi dan ix-xogħol kien sar mill-Ministeru għal Għawdex, permezz ta' ħaddiema tal-Public Works, wara talba li kienet saret għal dan il-fini mill-Kunsill . Ma kienu ħarġu ebda *work orders* mill-Kunsill, kif soltu jsir meta jkun ser iwettaq xi proġett hu u lanqas għamel xi ħlasijiet għal dan ix-xogħol . L-unika involviment tiegħu kienet waħda indiretta, billi kkonsenja xi katusi minn tiegħu lill-ħaddiema involuti, billi kien jonqoshom xi ftit biex ilestu dan ix-xogħol .

Fin-nota ta' l-Osservazzjonijiet tiegħu l-attur jikkritika l-fatt illi l-Kunsill konvenut jipprova jaħrab mir-responsabilita' sempliċement billi ċaħad l-involviment tiegħu għal dawn ix-xogħlijiet u l-unika prova dokumentarja li ppreżenta in sostenn ta' l-allegazzjonijiet tiegħu kienu biss kopja tal-

minuti ta' laqgħa li l-kunsill kellu mal-Ministru għal Għawdex fejn issemmew ix-xogħlijiet proposti ta' tindif tal-kanal ta' l-ilma fil-pjazza tar-raħal[6] u l-aġenda għall-istess laqgħa[7] . Imma kif sewwa jirrileva l-Kunsill konvenut fin-nota responsiva tiegħu, b'dawn l-argumenti l-attur qed jittenta jitfa' l-oneru tal-prova fuq il-konvenut, meta huwa prinċipji bażilari tal-proċedura illi l-piż tal-prova tal-fatti allegati li fuqhom qed jibbaża l-pretensjonijiet tiegħu huwa ta' l-attur, u jispetta biss lill-konvenut li jirribatti dawn il-provi bi provi kuntrarji . "**Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah**." [8]

Ġie mgħallem mill-**Mattirolo** f'dan ir-rigward illi : "*Una regola di dottrina e di gurisprudenza generale reca che* ***'semper onus probandi ei incumbit qui dicit'****, ossia che* ***'semper necessitas probandi incumbit illi qui agit****.' In verita', il principio di egualianza civile, che nella pratica dei giudizi si traduce nel principio della parita' di trattamento assicurata alle parti, non permette che si presti fede piuttosto all'allegazione dell'uno che a quella dell'altro dei litiganti . Quindi ciascuna delle parti deve provare i fatti, che essa allega a sostegno del proprio assunto; e l'autorita' giudicante dee pronunizare* ***juxta allegata et probata ….*** *Applichiamo questa regola all'una e all'altra parte .*

*(a) Il primo ad agire nella causa e ad allegare un fatto, da cui egli pretende sia per risultare un cambiamento nello stato attuale del diritto, e' l'attore ; e percio'* ***actori onus probandi incumbit .*** *Quindi nelle cause in cui si propone un'azione reale l'attore dovra' provare il fatto dal quale deriva il dominio, …; se egli invece promuove un'azione personale, dovra' pure provare quel fatto, quell'avvenimento da cui nacque il suo diritto e la conseguente obbligazione del convenuto . L'attore, che non provi, deve soccombere : actor non probante, reus est absolvendus*[9] *. Conseguentemente, in*

---

[6] Dok. GH 2 a fol. 169 .
[7] Dok. GH 1 a fol. 168 .
[8] art. 562 tal-Kap. 12 .
[9] sottolinear tal-Qorti .

*presenza di una domanda non provata, il convenuto puo' limitarsi a negare il fatto allegato, ma non provato dall'attore; e il giudice debbe senz'altro assolverlo .*

*(b) Se l'attore abbia fornito la prova dei fatti che stanno a base della sua domanda, il convenuto, il quale voglia con qualsiasi eccezione o difesa modificare o distruggere lo stato attuale risultante dalle prove dell'attore, dovra', dal suo conto, dare la prova di quei nuovi fatti, che egli allega e su di cui e' fondata la sua eccezione : onde la massima '**onus probandi incumbit actori'**, vuol essere completata con quest'altra **'reus in excipiendo fit actor'**."* [10]

Fil-każ in eżami ma jistax jingħad illi l-attur ipprova sodisfaċentement, fil-grad ta' ċertezza rikjest mill-liġi, illi kien tassew il-Kunsill konvenut li wettaq ix-xogħlijiet fil-gandott li fih waqa' u korra l-istess attur . Konsegwentement ġialadarba ma ġietx ippruvata l-konnessjoni bejn ix-xogħlijiet lamentati u l-Kunsill konvenut, dan, kif rajna fid-dottrina ċċitata, korrettement seta' jillimita ruħu li jiċħad kwalunkwe responsabilita' mingħajr ma jressaq ebda provi .

KONKLUZJONI

Għal dawn il-motivi, u fin-nuqqas ta' prova illi l-Kunsill konvenut kien tassew responsabbli mix-xogħlijiet li minnhom qed jilmenta l-attur, tilqa' t-tieni eċċezzjoni ta' l-istess Kunsill u tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju .

Bl-ispejjeż kontra l-attur .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[10] Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano vol. III 5 ta ed. para. 465, 467, 468, 471 pag. 380 - 382 .